



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-23 ta' Settembru 2020 – VE vs ESMA

(Kawżi T-77/18 u T-567/18)

“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanji – Kuntratt għal żmien indeterminat – Rapport ta' evalwazzjoni – Proċedura ta' evalwazzjoni 2016 – Eċċezzjoni ta' illegalità tal-gwida għall-evalwazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Evalwazzjoni ta' attivitajiet eżerċitati bħala rappreżentant tal-persunal – Irregolarità proċedurali – Xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol – Prestazzjonijiet mhux sodisfaċenti għal perijodu ta' sentejn”

1. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment – Effett – Tressiq tal-att ikkontestat quddiem il-qorti – Eċċezzjoni – Deċiżjoni li ma għandhiex natura konfermattiva*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90(2) u 91(2); Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra, Artikolu 46)

(ara l-punti 45, 46)

2. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rapport ta' evalwazzjoni – Ilment amministrattiv li għandu jitressaq qabel – Natura fakultattiva – Introduzzjoni – Konsegwenzi – Osservanza tar-restrizzjonijiet proċedurali marbuta mar-rimedju ta' kontestazzjoni minn qabel*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)

(ara l-punt 47)

3. *Rikorsi tal-uffiċjali – Eċċezzjoni ta' illegalità – Portata – Atti li l-illegalità tagħhom tista' tiġi eċċepita – Att ta' natura ġenerali li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata – Gwida għall-evalwazzjoni adottata minn aġenzija – Ammissibbiltà*

(Artikolu 277 TFUE; Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 110(2))

(ara l-punti 55 sa 57)

4. *Uffiċjali – Evalwazzjoni – Direttiva interna ta' istituzzjoni – Effetti legali – Limiti – Osservanza tal-ġerarkija tar-regoli*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 43)

(ara l-punti 65, 67 sa 69)

5. *Uffiċjali – Evalwazzjoni – Rapport ta' evalwazzjoni – Setgħa diskrezzjonali tal-evalwaturi – Stħarriġ ġudizzjarju – Limiti*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 43)

(ara l-punti 90 sa 92)

6. *Uffiċjali – Rappreżentanza – Restrizzjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' rappreżentant tal-persunal – Teħid inkunsiderazzjoni waqt ir-redazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni – Obbligi tal-evalwaturi*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 43; Anness II, is-sitt paragrafu tal-Artikolu 1)

(ara l-punti 171, 172)

7. *Uffiċjali – Evalwazzjoni – Rapport ta' evalwazzjoni – Redazzjoni – Uffiċjali li jeżerċitaw funzjonijiet ta' rappreżentanza tal-membri tal-persunal – Sistema stabbilita mill-Kummissjoni – Obbligi tal-evalwaturi – Teħid inkunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-grupp ad hoc ta' evalwazzjoni – Ineżistenza tal-imsemmi grupp – Konsegwenzi – Annullament tar-rapport – Kundizzjonijiet*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 43; Anness II, is-sitt paragrafu tal-Artikolu 1)

(ara l-punti 173 sa 176, 190 sa 195)

8. *Uffiċjali – Membri tal-persunal temporanju – Xoljiment ta' kuntratt għal żmien indeterminat – Setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni – Stħarriġ ġudizzjarju – Limiti – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Kunċett*

(Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra, Artikolu 47(c)(i))

(ara l-punti 205 sa 213)

9. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors għad-danni – Annullament tal-att illegali kkontestat – Kumpens adegwat għad-dannu morali – Rapport ta' evalwazzjoni li ma jinkludix evalwazzjonijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lill-persuna kkonċernata jew jippreġudikaw ir-reputazzjoni tagħha*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 91)

(ara l-punti 224, 225)

10. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors għad-danni – Annullament tal-att illegali kkontestat – Kumpens adegwat għad-dannu morali – Tkeċċija illegali ta' membru tal-persunal fl-assenza ta' ċirkustanzi partikolari*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 91)

(ara l-punti 227, 228)

Suġġett

Talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiżi, minn naħa, għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent li jkopri l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2016, id-deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2017 li xxolji l-kuntratt tiegħu ta' membru tal-persunal temporanju u tad-deċiżjonijiet li jiċħdu l-ilmenti tiegħu kontra dawn l-atti u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu morali li r-rikorrent allegatament ġarrab.

Dispożittiv

- 1) Il-kawżi T 77/18 u T 567/18 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' VE li jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016 huwa annullat.
- 3) Id-deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2017 li xxolji l-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju ta' VE hija annullata.
- 4) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 5) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) hija kkundannata għall-ispejjeż.